**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**
**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA LL.D**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 325/2015

Numru fuq il-Lista: 16

**Edmund Barbara**

**vs**

**Anthony Carabott u**
**Monica Carabott**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fl-24 ta' April, 2015 li permezz tieghu l-attur talab il-hlas minghand l-konvenuti *in solidum* sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf u hamsin ewro (€1,050) rapprezentanti import ta' hmistax-il kambjala skaduti u mhux imhallsa. Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenuti ma kkontestawx l-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehru għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' Dr Claudine Zarb ghall-attur tal-5 ta' Novembru, 2015 li permezz taghha ddikjarat li biha qed iccedi s-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda qed izzomm ferm il-kap tal-ispejjez u pprezentat kapitolu fl-istess seduta dwar il-kap tal-ispejjez.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur dwar il-kap tal-ispejjez fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2015 u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ikunu kollha a karigu tal-konvenuti in solidum.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**